# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Ġunju 2020**

**Rikors Numru 57/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**GM Corporate & Fiduciary Services Ltd**

**Vs**

**Med Investment Operations Ltd**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' attriċi ġiet imqabbda mis-soċjeta' konvenuta sabiex tipprestalha servizz ta' Corporate Services Provider u servizzi anċillari;*

    2. *Illi dawn is-servizzi ingħataw kontinwament fuq medda ta' żmien u dan sas-sena 2018;*

> 3. *Illi l-korrispettiv dovut lis-soċjeta' attriċi illum jammonta għal Euro 21,236.24, u dan kif jirriżulta minn kopja tal-iStatement relattiv, anness, eżebit u mmarkat bħala DOK.A;*
>
> 4. *Illi s-soċjeta' konvenuta ma ħallsitx il-kontijiet tagħha, liema kontijiet huma skond il-fatturi hawn annessi, eżebiti u mmarkati bħala DOK.B-K;*
>
> 5. *Illi nonostante li kienet debitament interpellata sabiex tħallas dak dovut minnha, s- soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti;*
>
> 6. *Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tas-soċjeta' attriċi;*
>
> 7. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*
>
> *Jgħid il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*
>
> *1) Tiddikkjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u sitta u tletin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Euro 21,236.24);*
>
> *2) Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, mitejn u sitta u tletin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Euro 21,236.24);*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali 282/19 ta' l-24 ta' Jannar 2019, u tal-Mandat ta' Sekwestru intavolat kontestwalment ma' dan l-Att, u l-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura, kontra s-soċjeta' konvenuta, li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi l-każ ġie appuntat għas-smiegħ ghall-5 ta' Marzu 2020.

3. Rat illi s-soċjeta' intimata ġiet notifikata fl-indirizz 17, Palazzo Melita, Melita Street, Valletta fit-30 ta' Jannar 2020 f'idejn Daniel Azzopardi.

4. Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2020, s-soċjeta' intimata u/jew rappreżentant tagħha, imsejjħa diversi drabi, ma dehritx sabiex tiddefendi l-pożizzjoni tagħha abbażi ta' dak mitlub.

5. Semgħet ix-xhieda ta' Dr JP Gauci Maistre, bħala rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, mogħtija fil-5 ta' Marzu 2020, fejn ikkonferma li l-ammont mitlub kien għadu dovut.

6. Rat illi fil-5 ta' Marzu, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta u l-kawża setgħet titħalla għas-sentenza.

7. Rat illli, la darba s-soċjeta’ intimata ma dehritx, il-Qorti ddifferiet il-każ għas-sottomissjonijet tagħha fl-assenza ta’ eċċezzjonijiet minnha magħmula.

8. Rat illi fit-12 ta’ Marzu 2020, reġa’ ma deher ħadd għas-soċjeta’ intimata u s-soċjeta’ intimata ma ressqet ebda sottomissjonijiet finali.

9. Rat illi fit-12 ta’ Marzu 2020 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

10. Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qorti in vista tal-pandemija Covid-19, is-sentenza ma setgħetx tingħata qabel illum.

**Fatti**

11. Jirriżulta illi s-soċjeta’ rikorrenti pprovdiet varji servizzi ta’ amministrazzjoni għas-soċjeta’ Med Investment Operations Limited bejn il-11 ta’ Novembru 2015 u s-6 ta’ April 2018 illi għalihom hija ħarġet invoices relattivi u ma tħallsitx għalihom.

12. Jirriżulta illi fl-24 ta’ Jannar 2019 intbagħtet Ittra Uffiċjali lis-soċjeta’ intimata, li ġiet debitament notifikata lilha fit-30 ta’ Jannar 2019.

13. Jirriżulta illi ma hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ rikorrenti, stante illi ġiet kkonfermata bil-ġurament mir-rappreżentant tagħha Dr JP Gauci Maistre.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi,

**Tilqa’** t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrent kif dedotti, u għalhekk;

**Tiddikjara** li s-soċjeta’ Med Investments Operations Limited hija debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma ta’ wieħed u għoxrin elf, mitejn u sitta u tletin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Euro 21,236.24);

**Tikkundanna** lis-soċjeta' konvenuta Med Investments Operations Limited tħallas lis-soċjeta' attriċi GM Corporate & Fiduciary Services Ltd l-ammont ta’ wieħed u

għoxrin elf, mitejn u sitta u tletin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (Euro 21,236.24);

Bl-ispejjeż, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali 282/19 ta1-24 ta' Jannar 2019, u tal-Mandat ta' Sekwestru intavolat kontestwalment ma' dan l-Att, u l-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura, kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**